

- Barra minn hekk, ir-rikors indika lista twila ta' punti li kienu manifestament jitqajmu quddiem il-Kunsill li kieku s-Senatur Georgias ingħata din l-opportunità
- F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li s-Senatur Georgias ma kienx spjega l-argumenti li fuqhom kien ser jibbaża ruħu li kieku kien instema'

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004, tad-19 ta' Frar 2004, dwar ġertu miżuri restrittrivi fir-rigwar[d] taż-Żimbabwe (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 3, p. 50).

⁽²⁾ Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/161/PESK, tad-19 ta' Frar 2004, li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 3, p. 43).

Appell ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2014 minn Canon Europa NV mid-digriet mogħti mill-Qorti Ĝeneralni (Is-Sitt Awla) fis-16 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-34/11, Canon Europa NV vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-552/14 P)

(2015/C 046/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Canon Europa NV (rappreżentanti: P. De Baere, avukat, P. Muñiz, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tannula fl-intier tiegħu d-digriet mogħti mill-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-31/11;
- tiddikjara l-appell ammissibbli;
- tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti Ĝeneralni sabiex din tagħti deċiżjoni fuq l-aggravji sostantivi tal-appell;
- tikundanna lill-konvenut għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u għal dawk sostnuti quddiem il-Qori Ĝeneralni.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa bbażat fuq dawn iż-żewġ aggravji:

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE, meta kkonkludiet li r-Regolament "kien jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ĝeneralni kisret id-dritt tal-appellantanti għal smiġħ, wettqet apprezzament legali żbaljat dwar in-natura tal-provi prodotti mill-appellantanti, u alternattivament żnaturat tali provi.

Appell ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2014 minn Kyocera Mita Europe BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (Is-Sitt Awla) fis-16 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-35/11, Kyocera Mita Europe BV vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-553/14 P)

(2015/C 046/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Kyocera Mita Europe BV (rappreżentanti: P. De Baere, P. Muñiz, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tannulla, b'mod sħiħ, id-digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea mogħti fil-Kawża T-35/11;
- tiddikjara l-appell ammissibbli;
- tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni fuq l-aggravji sostantivi tal-appell;
- tordna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża u ta' dik quddiem il-Qorti Ĝeneralni.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant tressaq żewġ aggravji:

L-ewwel aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi fl-interpretażżoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE, meta kkonkludiet li r-Regolament “jinvolvi miżuri ta’ implementazzjoni” skont dik id-dispożizzjoni.

It-tieni aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ĝeneralni kisret id-dritt ta' smiġħ tal-appellant, wettqet żball fil-karatterizzazzjoni legali tal-provi ppreżentati mill-appellant, u alternativament, żnaturat dawn il-provi.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-557/14)

(2015/C 046/35)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braga da Cruz u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri kollha neċċesarji ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2009 fil-Kawża C-530/07⁽¹⁾, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260 (1) TFUE;
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għal pagament ta' penalitā ta' EUR 20 196 għal kull ġurnata ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fil-Kawża C-530/07, imsemmija iktar 'il fuq, mid-data li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża u sad-data meta tiġi eżegwita s-sentenza mogħtija fil-Kawża C-530/07, imsemmija iktar 'il fuq;
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallas somma f'daqq ta' EUR 2 244 għal kull ġurnata, mid-data li fiha nghat替 is-sentenza fil-Kawża C-530/07, imsemmija iktar 'il fuq, sad-data li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża jew sad-data meta tiġi eżegwita s-sentenza mogħtija fil-Kawża C-530/07, imsemmija iktar 'il fuq, jekk din l-eżekuzzjoni ssir qabel l-imsemmija deċiżjoni;
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.